Coordination and Implementation Division

| Nru tal-BM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| BM 64 (2026) | Żieda fir-rata ta’ sussidju tal-iskema Home Helper of Your Choice biex minn sussidju ta’ €9 fis-siegħa jitla’ għal €10 fis-siegħa u b’hekk ninċentivaw aktar lill-anzjani jagħżlu l-helper tal-fiduċja tagħhom. |
| BM 65 (2026) | Żieda fl-iskema tal-Carer at Home li titħallas lill-anzjani li jimpjegaw carer full-time. Din se tiżdied b’€500 oħra għal €9,000 fis-sena. |
| BM 66 (2026) | Tiġi estiża l-iskema ta’ għajnuna għal dawk l-anzjani li jkollhom bżonn jikru sodod motorizzati biex din l-iskema tkun tinkludi wkoll apparat ieħor. |
| BM 67 (2026) | Tkompli tiġi implimentata l-istrateġija l-ġdida tad-dimensja fosthom li nżidu aktar kampanji ta’ għarfien fil-komunità b’diversi attivitajiet. |
| BM 68 (2026) | Nifthu ċentru għall-persuni bid-dimensja ġdid ġewwa tas-Sliema. |
| BM 69 (2026) | Jinħoloq servizz ta’ assessjar olistiku lill-anzjani dijabetiċi li huma konfinati fid-djar tagħhom. |
| BM 70 (2026) | Residenza San Vincenz De Paul: Tiġi installata magna tal-MRI ġewwa d-Day Clinic ta' San Vinċenz De Paul. |
| BM 71 (2026) | Residenza San Vincenz De Paul: Jitkompla l-proġett tas-sala psikoġerjatrika għal residenti b’kundizzjonijiet mentali. |
| BM 72 (2026) | Residenza San Vincenz De Paul: Titkompla l-ħidma fuq it-tieni sular tal-ispiżerija. |
| BM 73 (2026) | Residenza San Vincenz De Paul: Jitkompla x-xogħol fuq ir-Renal Unit. |
| BM 163 (2026) | Estensjoni tan-Neonatal (ICU) fl-Isptar Mater Dei. |
| BM 164 (2026) | Estensjoni fil-Paediatric Unit fl-Isptar Mater Dei. |
| BM 165 (2026) | Investiment fit-tieni Teatru Ostetriku. |
| BM 166 (2026) | Tiġi ntrodotta faċilità ta’ krijopreservazzjoni avvanzata li tikkumplimenta l-espansjoni kontinwa tal-programm tal-IVF. |
| BM 167 (2026) | Investiment fiċ-Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo li se jwassal għall-ftuħ ta’ sala ta’ matul il-jum, iddedikata għall-ematoloġija. |
| BM 168 (2026) | Tiġi ntrodottta bidla tal-flotta eżistenti ta’ aċċellaturi lineari, sabiex pazjenti tal-kanċer li jeħtieġu r-radjoterapija jirċievu l-aqwa trattament possibbli. |
| BM 169 (2026) | Tiġi ntrodottta sistema msejħa Fast-Track Online Referral System għall-immaniġġjar f’waqtu ta’ istanzi ta’ suspett ta’ kanċer ġinekoloġiku. |
| BM 170 (2026) | Bini ta’ Ċentru Ġdid għall-Ġbir tad-Demm, Plażma, Pjastrini u Ċelloli Staminali. |
| BM 171 (2026) | Jitkompla x-xogħol fuq l-ewwel blokk prinċipali tal-isptar San Luqa li għandu jservi ta’ one-stop shop għas-servizz tal-outpatient. |
| BM 172 (2026) | Issir ir-rilokazzjoni tal-isptar Karen Grech lejn faċilità temporanja. |
| BM 173 (2026) | Investiment fiċ-Ċentru Reġjonali tas-Saħħa Vincent Moran: Xiri ta’ CT (Computed Tomography). |

| | |
|---|---|
| BM 174 (2026) | Investiment fiċ-Ċentru Reġjonali tas-Saħħa Vincent Moran: Xiri ta' CB CT/OPG (Cone Beam Computed Tomography/Orthopantomogram) Scan. |
| BM 175 (2026) | Investiment fiċ-Ċentru Reġjonali tas-Saħħa Vincent Moran: Magni ġodda tal-MRI (Magnetic Resonance Imaging). |
| BM 176 (2026) | Jiġi estiż l-Formularju tal-Gvern bl-introduzzjoni ta' aktar mediċini ġodda għall-kura tal-kanċer. |
| BM 177 (2026) | Jiġi ffirmat Memorandum of Understanding mas-Central Drugs Standard Control Organisation (CDSCO). |
| BM 179 (2026) | Introduzzjoni tas-sistema tas-Coeliac Bank Transfer System. |
| BM 180 (2026) | Jiżdied l-intitolament ta' persuni li huma coeliacs minn €65 fix-xahar għal €85 fix-xahar. |
| BM 181 (2026) | Ftuħ ta' Spiżerija fl-Isptar San Luqa. |
| BM 182 (2026) | Tiġi introdotta Klinika tal-Obeżità minn fejn se tingħata kura strutturata u multidixxiplinarja li tikkombina interventi mediċi, nutrizzjonali, psikoloġiċi u tas-saħħa fiżika. |
| BM 183 (2026) | Jinfetaħ Ċentru Reġjonali tas-Saħħa Mentali ġdid f'Bormla. |
| BM 184 (2026) | Jinfetaħ Ċentru Reġjonali tas-Saħħa Mentali ġdid ir-Reġjun Ċentrali. |
| BM 185 (2026) | Jinfetaħ Ċentru Reġjonali tas-Saħħa Mentali ġdid ir-Reġjun Tramuntana. |
| BM 186 (2026) | Jinfetaħ ċentru soċjali ġdid għall-persuni li jagħmlu użu mis-servizzi mogħtija mill-isptar Monte Carmeli. |
| BM 187 (2026) | Estensjoni tal-ħinijiet tal-ftuħ taċ-Ċentri tas-Saħħa: Ħal Qormi. |
| BM 188 (2026) | Estensjoni tal-ħinijiet tal-ftuħ taċ-Ċentri tas-Saħħa: Gżira. |
| BM 189 (2026) | Iċ-Ċentru tas-Saħħa tar-Rabat, Għawdex jibda jopera sa nofsillejl. |
| BM 190.1 (2026) | Tnedija ta' diversi kampanji dwar in-nutrizzjoni, il-benesseri diġitali, il-prevenzjoni minn mard kroniku u is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol |
| BM 190.2 (2026) | Titkompla il-kampanja ta' edukazzjoni dwar l-aċċessibilità tas-servizzi tas-saħħa. |
| BM 286 (2026) | L-Isptar f'Għawdex: Estensjoni tad-Dipartiment tal-Outpatients. |
| BM 287 (2026) | L-Isptar f'Għawdex: Helipad ġdid. |
| BM 288 (2026) | L-Isptar f'Għawdex: Espansjoni tal-kumpless tat-teatru operattiv. |
| BM 289 (2026) | L-Isptar f'Għawdex: Twaqqif ta' Unità Renali ġdida. |
| BM 290 (2026) | L-Isptar f'Għawdex: Titjib tal-Unità tal-Kura Koronarja. |
| BM 291 (2026) | L-Isptar f'Għawdex: Introduzzjoni ta' Unità ta' Dipendenza Għolja. |
| BM 292 (2026) | L-Isptar f'Għawdex: Żvilupp ta' kumpless li se jakkomoda l-Unità Iperbarika. |
| BM 293 (2026) | L-Isptar f'Għawdex: Bini ta' spiżerija ġdida. |
| BM 294 (2026) | Ikompli x-xogħol fuq il-Gozo HealthCare Campus Masterplan. |